MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2013

Numru. 395/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carol Fabri)**

**vs.**

**Lewis Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Lewis Attard** , ta' disgha u hamsin (59) sena imwieled Kirkop nhar id-19 ta' Ottubru 1953, iben il-mejjet Nazzareno u Angela xebba Spiteri u residenti 98, Dar in-Nadur, Triq is-Sebh, B'Bugia, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 772753(M), akkuzat talli fit-8 ta' Lulju 2012, ghall-habta tas-13:00hrs gewwa 98, Dar in-Nadur, Triq is-Sebh, B'Bugia:

1. fl-istess data, lok u hin attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioé PS 853 Francis Larry Sciberras filwaqt li kien qieghed jagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-Awtorita' kompetenti;
2. fl-istess data, lok u hin ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq PS 853 Francis Larry Sciberras persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirijietom billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-Ligi.

Fl-istess data u lok ghall-habta tas-12:45hrs:

4. ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-mara tieghu Maria Carmela Attard;

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanza bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor, u cioé lil Maria Carmela Attard biza' li ser tintuza' vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' ta' xi hadd iehor mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuni msemmija fl-Artikolu 222(1) meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil haddiehor biza kull darba minn dawk l-okkazjonijiet.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra l-piena stabbilita ghal dan ir-reat, tapplika l-provvediment tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' ta' Maria Carmela Attard.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. " PC 3" – *a fol.* 20).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013, ix-xiehda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013, lill-parti leza Maria Carmel Attard tiddikjara bil-gurament li hija kienet ser taghzel li ma tixhdix f'dawn il-proceduri.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, jirrizulta li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat (Dok. "PC 4" – *a fol.* 21 *et seq.*), l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u l-fatt li l-parti leza ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 95, 96, 221(1), 222(1), 251B(1) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Lewis Attard hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u

b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jigi applikat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tichad tali talba u dana *stante* li ma tarax valida ghala dan l-Artikolu ghandu jigi applikat f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------